Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2

Data tal-laqgħa: 17 ta’ Lulju 2024

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta’ filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b’apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.05pm.

## 2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

2.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 1

2.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Numru 1. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

2.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Viċi Sindku EG, il-minuti ġew approvati unanimament.

**F'dan il-ħin (4.06pm) daħlet il-Kunsillier MLB għal-laqgħa.**

## 2.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

2.3.1 <u>Para 77.3.1 – Dawl dekorattiv</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsilliera l-ġodda dwar din il-proposta li nixgħelu l-arbli tal-bnadar li hemm fil-pjazza. Is-SE spjegat li l-*electrician* qed jesplora opzjonijiet ta' tipi ta' dawl li jistgħu jiġu nstallati.

2.3.2 <u>Para 77.3.2 – *Residential Parking Scheme*</u>
Is-Sindku aġġorna lill-Kunsilliera l-ġodda dwar din l-iskema u talab li nibgħatu *reminder* lill-AKL peress li għadna qed nistennew risposta.

2.3.3 <u>Para 77.4.1 - Ġrieden fi Triq l-Imdina</u>
Is-Sindku semma l-problema ta' ġrieden f'numru ta' toroq. Kien hemm qbil li jiġu nstallati kaxxi suwed ta' kontra l-ġrieden (invitati fl-art) f'numru ta' żoni problematiċi, tul Triq l-Imdina, Triq San Franġisk, Wied Ħal Balzan, Wesgħa Ġiġi Gauci u Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina. Se niċċekjaw ukoll dwar jekk jiġix provdut is-servizz ta' tindif ta' dawn il-kaxxi.

## 2.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

2.4.1 <u>Problema ta' storbju eċċessiv</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li, flimkien ma' numru ta' Sindki attenda għal laqgħa dwar il-problema ta' storbju eċċessiv li qed jaffetwa numru ta' lokalitajiet tal-akwati. F'din il-laqgħa s-Sindki ħatru lill-Dr Claire Bonello biex jittieħed parir legali dwar din il-problema. Il-laqgħa mal-avukat se ssir il-ġimgħa d-dieħla.

2.4.2 <u>Xogħlijiet li qed isiru minn Enemalta plc</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li ilna ġimgħa niktbu lill-Enemalta plc sabiex jaġġornawna dwar il-programm tax-xogħlijiet u biex jikkonfermawlna meta se jlestu kompletament. Sal-lum għadna mingħajr risposta. Kien hemm qbil lis-Sindku jikteb direttament lill-Ministru Onor. Miriam Dalli, fejn se ninfurmawha wkoll bil-problema ta' qtugħ ta' dawl.

2.4.3.1 <u>Skema Restawr</u>
Is-Sindku infurma li l-applikazzjoni biex jiġi restawrat is-salib ta' fejn l-MFSA ġiet approvata. Hemm l-obbligazzjoni lis-salib ikun mantnut għal perjodu ta' 10 snin. Dan is-salib huwa pubbliku u l-Kunsill m'għandux kjarezza taħt min jaqa'. Ser niktbu lill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u lill-Awtorità tal-Artijiet biex niċċaraw dwar min hu responsabbli mill-manutenzjoni.

2.4.3.2 Il-Viċi Sindku infurma li l-istatwa ta' Santa Marija diġà għandha suba' nieqas, instab waqt li kienu qed jarmaw għall-festa u poġġewh fuq il-pedestal.

2.4.4.1 <u>Pubblikazzjonijiet</u>
Is-Sindku semma l-bżonn li nsaħħu l-abbiltà tal-Kunsill meta nikkomunikaw ċertu avviżi man-nies. Fil-mument, l-

unika mezz biex nikkomunikaw huwa permezz ta' Facebook. Is-Sindku ssuġġerixxa li jiġi ikkrejat *Broadcast Channel* fuq *Whatsapp*. Il-Kunsill approva u ser tkun qed tinxtara linja ġdida biex tintuża speċifikament għal dan iċ-*channel.* Is-Sindku u l-uffiċċju se jamministraw dan iċ-*channel*.

2.4.4.2 Il-Viċi Sindku issuġerixxa li nibgħatu fuljett lir-residenti bħala bidu ta' Leġislatura fejn ninkludu numru ta' avviżi importanti. Il-Kunsill qabel u se jsir impenn biex jibda jinħareġ fuljett informattiv possibbilment kull kwart tas-sena. Il-Kunsill ħatar Kumitat Editorjali magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier ONDG, li se jieħdu ħsieb dawn il-fuljetti.

## 2.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

2.5.1 Il-Kunsillier MLB staqsiet kif bqajna fuq id-dawl tal-faċċata ta' Palazzo Olivier għax hemm ħafna dlam. Se nfakkru lis-sid bil-ftehim li kien sar u nagħtuh ħmistax ċans biex jixgħel il-faċċata.

2.5.2 Staqsiet ukoll dwar il-bozza li ilha xhur ma tixgħel ftit l'isfel mill-palazz. Din il-bozza ġiet irrapurtata diversi drabi lill-Enemalta plc u baqgħet qatt ma ġiet irranġata. Ġie deċiż li ninfurmaw lis-CEO b'dan il-każ.

## 2.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

2.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 2.7 Ħatra ta' Sottokumitati

2.7.1 Is-Sindku ippropona lill-Kunsillier ONDG, lill-Stephen Gatt u lill-Vincent Muscat bħala membri fis-Sottokumitat tal-Infrastruttura. Ippropona wkoll lill-Viċi Sindku EG, lill-Kunsillier MLB u lill-Stephen Gatt bħala membri fis-Sottokumitat tal-Attivitajiet Annwali.

2.7.2 Il-Viċi Sindku EG ippropona lill-Reuben DeGabriele, lill-Chantal Farrugia u lill-Daniel Muscat Caruana bħala membri fis-Sottokumitat taż-Żgħażagħ u l-Kultura.

2.7.3 Il-Kunsillier MLB pproponiet lill-Mary Rose Cutajar u lill-Stephen Gatt bħala membri fis-Sottokumitat għall-Anzjani, L-Innovazzjoni u l-Kunsill tat-Tfal.

2.7.4 Il-Kunsilliera AG u ONDG infurmaw li mhux se jiffurmaw Sottokumitati.

2.7.5 Il-Kunsill unanimament approva dawn il-membri.

## 2.8 Jum Ħal Balzan 2024

2.8.1 Is-Sindku qal li ta' kull sena jiġi ċċelebrat Jum Ħal Balzan, fejn normalment issir attività, jingħata Ġieħ Ħal Balzan u ssir Quddies ta' Ringrazzjament.

2.8.2 Is-Sindku qal li apparti t-tliet katergoriji (Lokali, Nazzjonali u Internazzjonali), normalment jingħata Ġieħ Ħal Balzan lill-Kunsilliera li jkunu spiċċaw mill-kariga. Kien hemm qbil li jingħata Ġieħ lill-eks-Kunsillier Andrè Grech, u Rikonoxximent lill-eks-Kunsillier Stephen Gatt (peress li diġà kien ingħata Ġieħ fil-passat). Se jingħata wkoll Rikonoxximent lill-Luigi Grech tal-pittura li tikkommemora lill-Gabriel Caruana. Din il-pittura kienet ingħatat lill-Kunsill.

2.8.3 Il-Viċi Sindku staqsa dwar min kien stabbilixxa r-regolamenti għall-Ġieħ Ħal Balzan, għax fl-opinjoni tiegħu . Is-Sindku infurma li dawn ġew stabbiliti mill-Kunsill f'Mejju 2016 u mhux bilfors jingħataw it-tliet kategoriji.

2.8.4 Is-SE ser tibgħat ir-regolamenti preżenti għal Premju Ġieħ Ħal Balzan lill-Kunsilliera sabiex ikunu jistgħu iressqu n-nominazzjonijiet tagħhom lis-SE. Kien hemm qbil lin-nominazzjonijiet din is-sena jinfetħu għall-pubbliku wkoll. In-nominazzjonijiet jagħlqu ġimgħa qabel il-laqgħa li jmiss. Dan biex diskussi u tiġi approvata persuna waħda minn kull kategorija, fil-laqgħa li jmiss.

**F'dan il-ħin (6.00pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-6.03pm.**

2.8.5 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li tiġi stabbilita ġurnata fissa meta jiġi ċċelebrat Jum Ħal Balzan. Peress li issa ma tantx baqa' żmien, kien hemm qbil li dan is-suġġeriment jiġi diskuss għas-sena d-dieħla.

2.8.6 Ġie deċiż li Jum Ħal Balzan din is-sena jiġi ċċelebrat is-Sibt 26 ta' Ottubru 2024 filgħaxija fil-pjazza u l-għada filgħodu ssir il-Quddies ta' Ringrazzjament. L-attività ser tiġi organizzata mis-Sottokumitat tal-Attivitajiet Annwali.

## 2.9 Skemi Finanzjarji

2.9.1 <u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/05/2024 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024 / 2025</u>
Is-SE infurmat li l-applikazzjoni ġiet approvata u l-Kunsill ser jingħata €4,950.39 għal Jum San Valentinu 2025.

2.9.2 <u>Skema Finanzjarja għall-Proġetti ta' Kulturali u Artistiċi – Reġjun Tramuntana</u>
Is-SE fakkret lill-Kunsill b'din l-iskema li trid tiġi utilizzata sal-aħħar tas-sena 2024. Ir-Reġjun alloka s-somma ta' €20K għall-proġetti Kulturali u artistiċi fil-lokalità. Is-Sindku infurma li fil-Kunsill preċedenti l-Kunsill alloka:

- €10,000 għal Jum Ħal Balzan 2024;
- €6,000 għal attività għal żmien il-Milied; u
- €4,000 biex tittella' wirja tal-arti però din baqgħet ma saritx għalhekk din is-somma għadha mhix allokata.

## 2.10 Toroq li qed / ser isiru minn Infrastructure Malta

2.10.1.1 <u>Triq San Franġisk</u>
Is-Sindku infurma li sar it-tieni saff asfalt. Reġgħet ġiet irrimarkata l-problema ta' kif saru l-bankini tal-parti ta' bejn l-ispiżerija u Triq it-Tabib J. Zammit għax jidher li qegħdin wieqfa ħafna. Il-bankina hija periklu għan-nies u mhiex aċċettabbli li tibqa' hekk. Is-Sindku qal li l-Kunsill diġà infurma lill-IM però ġejna injorati.

2.10.1.2 Għalhekk issuġġerixxa li nkellmu lill-Perit tal-Kunsill biex jagħtina gwida teknika fuq dawn il-bankini u nerġgħu niktbu lill-IM u lis-CEO Steve Ellul u nispjegawlhom li bil-problema b'mod tekniku. Il-Kunsill qabel.

2.10.2 <u>Triq Idmejda</u>
Is-Sindku talab ukoll li nqabbdu l-Perit tal-Kunsill biex jiċċekkja x-xogħol li sar biex jara li m'hemmx riskju ta' *flooding*. Il-Kunsill qabel.

2.10.3 Il-Kunsillier MLB talbet li l-Perit tal-Kunsill jiċċekkja wkoll bankina viċin iċ-ċimiterju f'Wied Ħal Balzan għax wieqfa. Ser tkun qed tgħaddilna d-dettalji biex ninfurmaw lill-Perit.

2.10.4 Il-Viċi Sindku talab li nenfasizzaw li tinżamm l-indafa waqt li jkunu għaddejjin bix-xogħlijiet, fis-sens li qed jitħalla materjal, *barriers*, makkinnarju bl-addoċċ. Dwar dan se niktbu lill-IM.

## 2.11 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

2.11.1 Is-Sindku aġġorna lill-Kunsilliera l-ġodda dwar il-proposti li kien qed jaħdem fuqhom il-Kunsill preċedenti. Ġew diskussi numru ta' ideat ġodda. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jsiru xi *banners* ma' arbli bil-personaġġi, bħal ma jsiru f'numru ta' lokalitajiet. Is-Sindku issuġġerixxa li minflok jista' isir bord elettroniku għax din tkun spiża ta' darba. Dan jista' jitpoġġa fuq il-bankina quddiem il-bieb ta' San Anton. Il-Kunsill qabel u se nġibu kwotazzjonijiet.

2.11.2 <u>Gabriel Caruana</u>
Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li l-*mural* isir fid-daħla ta' fejn hemm il-*bike racks* (t'għola ċ-ċinta ta' wara l-*bike racks*). Dan biex isir fi proprjetà pubblika, minflok jintuża l-ħajt ta' mal-Għassa, li hemm ċans li jiġi żviluppat. Se niċċekkjaw mal-Perit biex naraw x'permessi għandna bżonn.

2.11.3 <u>Mons. Dun Ġwann Dimech</u>
Dwar il-bust ta' Mons. Dun Ġwann Dimech propost li jsir fit-*traffic island* ta' Triq il-Kannizzata k/m Triq Birbal, il-Perit qal li jagħmel sens li nitolbu lill-Enemalta plc biex iċaqalqu l-arblu li hemm fit-*traffic island*. Il-Kunsill iddiskuta u b'erba' voti kontra wieħed (Viċi Sindku) approva li mmexxu b'din il-proposta u se nitolbu li mmexxu l-arblu. Il-Viċi Sindku jħoss li hemm modi oħra ta' kif jista' jiġi rikonoxxut dan il-personaġġ.

## 2.12 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

2.12.1 <u>Applikazzjoni għal *extended remote working*</u>

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni tagħha biex iġġedded b'sena, il-permess biex tkompli taħdem numru ta' siegħat fil-ġimgħa *remotely*. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill unanimament approva l-applikazzjoni.

2.12.2 <u>Kwotazzjonijet għas-servizz ta' DPO</u>

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet għas-servizz ta' DPO għal perjodu ta' sena. Il-Kunsill unanimament approva l-unika kwotazzjoni li rċieva, tas-Sur Adrian Mifsud, f'isem BOOM Consultancy & Advisory Services.

2.12.3 <u>Talba għal għajnuna finanzjarja lill-iskola primarja ta' Ħal Lija, Ħal Balzan u l-Iklin</u>

Ġiet innutata *email* li bagħat il-Kap tal-iskola, fejn qed jitlob l-għajnuna tat-tliet Kunsill biex jiġu nstallati 14-il *AC unit* fil-klassijiet li l-ispiża hija kkalkulata li tilħaq id-€19,600. Filwaqt li l-Kunsill jixtieq jgħin, sfortunatament m'hemmx fondi biżżejjed, għalhekk din it-talba ma ġietx approvata.

2.12.4 <u>Talba għal *safety bollards* u *rubber wheel stopper*</u>

Residenta qed titlob biex jiġu installati:

- *Safety Bollards* fi Triq Wiġi Ebejer mal-ħajt tal-proprjetà tagħha biex vetturi pparkjati ma jolqtux il-ħajt bil-bieba tal-karozza. Din it-talba ma ġietx approvata għax bil-*bollards* jintilef il-*parking*.
- *Rubber Wheel Stopper* fi Triq l-Annunzjata biex twaqqaf vetturi jipparkjaw eżatt mal-faċċata. Ġie rrimarkat li din il-biċċa m'hemmx bankina, u għalhekk il-Kunsill qabel li minflok *wheel stopper*, tiġi estenża l-bankina sal-kantuniera.

2.12.5 <u>Talba biex issir *un/loading bay* fi Triq San Franġisk</u>

Balzan Pharmacy qed jitolbu li ssir *un/loading bay* quddiem l-ispiżerija. Se napplikaw għall-permess ma' TM.

2.12.6.1 <u>Kwistjoni biex terġa' teħel il-bozza fi Triq il-Karenza k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima</u>

Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill il-ġdid dwar din il-kwistjoni. L-avukat qed jissuġġerixxi li nibagħtu ittra ġudizzjarja, peress lis-sid baqa' ma weġibx għall-ittra tal-avukat. Qabel ma nipproċedu bl-ittra ġudizzjarja, il-Kunsill qabel li l-avukat jagħmel kuntatt mas-sid biex naraw x'inhu disponibbli li jħallas mill-ispiża tal-installazzjoni tal-bozza.

2.12.6.2 Is-SE infurmat lis-sid qed jitlob li lill-Kunsill il-*clearance* biex tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja relatata ma' l-iżvilupp tal-binja. Il-Kunsill qabel li l-garanzija m'għandix tiġi rilaxxata sakemm tiġi riżolta l-kwistjoni tal-bozza.

2.12.7 <u>Siti ġodda għal *EV charging pillars*</u>

L-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma qed iressqu tliet (3) siti ġodda biex jiġu installati *EV charging pillars* ġodda għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

- Vjal De Paule k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima – Dan is-sit ma ġiex approvat. Il-Kunsill qed jissuġġerixxi biex minflok issir fid-daħla ta' fejn is-siġra tal-ficus fi Triq il-Ferrovija l-Qadima.
- Triq il-Kbira faċċata ta' Wied Ħal Balzan – Il-Kunsill insista li jintuża l-istess sit tal-GoTo peress li hemm problema kbira ta' parkeġġ.
- Triq l-Imdina (viċin l-Ambaxxata Libjana) – Il-Kunsill issuġġerixxa sit ġdid minflok biex jilħaq aktar residenti. Dan huwa Triq il-Kannizzata k/m Triq Birbal.

2.12.8 <u>PA/05481/23 – 57 – 60, Triq il-Kbira k/m 8/9, Sqaq Nru. 1, Triq il-Kbira</u>

Il-Kunsill approva li jerġa' joġġezzjona għall-applikazzjoni ġdida, PA/05481/23.

2.12.9 <u>Talba għal *zebra cross* fi Vjal De Paule</u>

Resident qed jitlob li ssir *zebra cross* fejn saret ir-*roundabout* il-ġdida fi Vjal De Paule k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima. Din it-talba ma ġietx approvata għax huwa ta' periklu li taqsam miż-żona indikata.

2.12.10 <u>Talba biex jitneħħa *parking* mill-parti t'isfel ta' Triq il-Kbira</u>

Residenta qed titlob li jitneħħew l-ewwel erba' *parking bays* li hemm hekk kif iddur minn Triq Birbal għax b'numru ta' toroq magħluqin qed ikun hemm konġestjoni tat-traffiku. It-toroq magħluqin li ssemmew huma lesti u miftuħa għat-traffiku, għalhekk din it-talba ma ġietx approvata.

2.12.11 <u>Ostaklu tal-entratura ta' Sqaq Nru. 2 Triq il-Kbira</u>

Residenta qed terġa' titlob li jsir xi ħaġa biex ma jibqax jiġi ostakolat l-aċċess tal-isqaq. Is-SE infurmat li bħala Kunsill qed nitolbu biex isir infurzar regolari però il-problema xorta baqgħet. Il-Kunsill qabel li jiġu installati *bollards* fuq id-dyl eżatt taħt il-bankina biex jimpedixxu vetturi milli jipparkjaw. Ser napplikaw ma' TM.

2.12.12.1 <u>Inċidenti tat-traffiku fi Triq il-Ferrovija l-Qadima k/m Vjal il-Bon Pastur</u>

Qed ikun hemm diversi inċidenti tat-traffiku f'din il-*junction*. Ġie rrimarkat li hemm il-miżuri kollha neċessarji biex jiġu evitati inċidenti tat-traffiku u l-problema hi li ma jiġux osservati.

2.12.12.2 Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li tiġi installata tabella 'Accident Black Spot' fiż-żona biex is-sewwieqa joqgħodu aktar attenti. Il-Kunsill qabel.

2.12.13 <u>Petizzjoni – Residenti kkonċernati</u>

Ġiet innutata petizzjoni li l-Kunsill irċieva minn residenti li jinsabu kkonċernati għall-fatt lin-nies li qed jużaw is-servizz tas-*soup kitchen* qed joqgħodu fuq il-bankini u l-għediebi tan-nies. Ir-residenti għamluha ċara li m'għandhom l-ebda problema bis-servizz innifsu. Is-Sindku infurma li minn dakinhar li intbaħtet din il-petizzjoni, ir-residenti iltaqgħu ma' min qed joffri s-servizz, fejn diġà sar progress. Is-Sindku huwa infurmat li r-residenti se jerġgħu jiltaqgħu magħhom.

2.12.14.1 <u>Bozza – Regent Court, Triq il-Kbira</u>

Is-SE infurmat li l-bozza (*central hanging*) li kien hemm parti minnha mqabbda ma' Regent Court għal xi raġuni spiċċat fl-art. L-iżviluppatur infurmana li għalissa mhux sikur li terġa' teħel qabel ma jitla' t-tieni sular għax hemm riskju li taqa' l-faċċata. Qed nistennew risposta dwar meta se jitlesta t-tieni sular biex din terġa' teħel.

2.12.14.2 Il-Kunsill qabel li nitlobu lis-sid biex sakemm jiddeċiedu meta u fejn ser tiġi installata l-bozza, jinstallaw xi tip ta' *spot light* b'mod immedjat biex iż-żona ma tibqax fid-dlam.

## 2.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

2.13.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 07/24, li tinkludi l-ammont ta' €33.52c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Ġunju 2024.

2.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier ONDG li kien issekondat mill-Kunsillier AG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

2.13.3 Minħabba kunflitt ta' interess dirett, il-Kunsillier MLB assentat ruħha mill-approvazzjoni ta' pagament nru. 38 (transazzjoni nru. 267/24).

## 2.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

2.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.35pm.

2.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 27 ta' Awwissu 2024 fil-5.00pm.

Konfermati, it-Tlieta, 27 ta' Awwissu 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |